# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

Illum, il-Hamis 31 ta' Mejju, 2001.

Kawza Nru. 13.
Citazz. Nru. 652/01 JRM

**BANK of VALLETTA p.l.c.**

**vs**

1. **Silvio u Ruth mizzewgin BRINCAT**
2. **Paul CHETCUTI**
3. **Ruth BRINCAT bhala amministratrici tal-beni parafernali taghha.**

## Il-Qorti,

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt in atti Nutar Dottor Anthony Abela, datat 25 ta' Marzu, 1999 (Dok "A") is-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet "Overdraft Facility" lill-konvenuti Silvio u Ruth mizzewgin Brincat u Paul Chetcuti;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Silvio u Ruth mizzewgin Brincat u Paul Chetcuti fl-ammont ta' hamest elef u tlieta u erbghin liri maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm5,043.44) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Account" tal-konvenuti Silvio u Ruth mizzewgin Brincat u Paul Chetcuti mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1" sa "B9" flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2000 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija fl-imsemmi kuntratt in atti Nutar Anthony Abela datat 25 ta' Marzu, 1999 (Dok. "A") kif ukoll b'zewg skritturi privati datati 20 ta' Frar, 1999 u 28 ta' Mejju, 1999 li kopja taghhom qed tigi hawn esebita u markati Dok. "C" u Dok. "D", il-konvenuta Ruth Brincat bhala amministratrici tal-beni parafernali taghha, iggarantiet flimkien u "in solidum" ma' zewgha Silvio Brincat u ma' Paul Chetcuti ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta' l-istess konvenuti mas-socjeta' Bank of Valletta p.l.c.;

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 25 ta' Jannar, 2001 li qed jigu hawn esebiti u markati Dok. "E" u Dok. "F", sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu flimkien u in solidum lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef u tlieta u erbghin liri maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm5,043.44) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Account" tal-konvenuti Silvio u Ruth mizzewgin Brincat u Paul Chetcuti mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1" sa "B9") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2000 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 25 ta' Jannar, 2001 u tal-Mandati ta' Sekwestru u Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenuti jhallsu flimkien u in solidum lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef u tlieta u erbghin liri maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm5,043.44) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Account" tal-konvenuti Silvio u Ruth mizzewgin Brincat u Paul Chetcuti mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1" sa "B9") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2000 sad-data ta' l-effettiv pagament, bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 25 ta' Jannar, 2001 u tal-Mandati ta' Sekwestru u Qbid, kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

*31 ta' Mejju, 2001.*

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**31 ta' Mejju, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Mejju, 2001.**